Il-Kummissjoni Ewropea



# L-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali qed jiksbu progress

Sommarju Eżekuttiv u Rakkomandazzjonijiet

Sejħa għal azzjoni mingħand il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Intraprenditorija Soċjali (GECES)

OTTUBRU 2016

Għal aktar tagħrif dwar il-GECES, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs Unità F.2: GROW-SOCIAL-ENTERPRISE@EC.EUROPA.EU
Is-sit web tal-GECES: http://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy/enterprises/expert-groups_mt

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru tat-telefon bla ħlas (*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni pprovduta u l-biċċa l-kbira tat-telefonati huma bla ħlas (għalkemm ċerti operaturi, kabini tat-telefon jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**AVVIŻ LEGALI**
Dan id-dokument tħejja għall-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, jinkludi l-opinjonijiet tal-awturi biss u l-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli għall-użu li jista' jsir mit-tagħrif li fih. La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej. Dan ir-rapport ma jinvolvix ir-responsabilità tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji msemmija fih.

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li ssir referenza għas-sors
Stampat il-Belġju, 2016



# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**L-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali** jirrappreżentaw mod fondamentalment ġdid kif isir in-negozju u, bħala tali, għandhom il-potenzjal li jittrasformaw b'mod profond l-ambjent soċjoekonomiku. Tul dawn l-aħħar snin inħolqot ekonomija ċirkolari kollaborattiva li kkontribwixxiet lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet għat-tkabbir tal-intrapriża soċjali fl-Ewropa. L-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali qed ikollhom rwol dejjem aktar prominenti, fil-biċċa l-kbira minħabba l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw xi wħud mill-akbar sfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa bħalissa, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment inklużiv u li jinħolqu l-impjiegi. Fl-istess ħin dawn jindirizzaw għanijiet aktar immirati, bħalma huma l-kriżi tar-refuġjati, id-degradazzjoni ambjentali u l-ħtieġa li tiġi promossa ugwaljanza akbar bejn is-sessi.

Dan ir-rapport tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Intraprenditorija Soċjali (GECES) jirrappreżenta **sejħa għal azzjoni** diretta lejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali.

Huwa favur **Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ekonomija Soċjali u l-Intrapriżi Soċjali**, li jwassal għal impetu ġdid għall-promozzjoni ta' **ambjent propizju** li fih l-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali jistgħu jirnexxu, fuq il-bażi tal-**valuri bażiċi** tagħhom, bħal pereżempju l-governanza demokratika, l-impatt soċjali, l-innovazzjoni, l-investiment mill-ġdid tal-profitt jew il-post ċentrali li għandu jokkupa l-bniedem fl-ekonomija. F'ambjent bħal dan, l-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali jkun jista' jkollhom impatt akbar fl-**indirizzar tal-isfidi** msemmija hawn fuq, filwaqt li jkunu jistgħu jikkontribwixxu lejn il-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta soċjalment fl-Ewropa.

Skont il-mandat mogħti lill-GECES, ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċentraw l-aktar fuq l-intrapriżi soċjali. Madankollu, f'ħafna każijiet, ir-rakkomandazzjonijiet huma rilevanti għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali b'mod aktar wiesa'.

Ir-rapport jipproponi **sensiela ta' rakkomandazzjonijiet ewlenin** biex min ifassal il-politika jappoġġa l-iżvilupp tal-**intrapriżi soċjali** u tal-**ekonomija soċjali** bħala xprunatur għal tkabbir ekonomiku inklużiv u li jħalli impatt. Ir-rapport huwa strutturat skont **erba' oqsma tematiċi ewlenin.**

L-ewwel wieħed fost dawn l-oqsma janalizza modi kif jistgħu jiżdiedu **b'mod effettiv il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-intrapriżi soċjali** u kif jiġi promoss fehim aħjar ta' dak li vera tfisser l-intrapriża soċjali. Tressqu tliet rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward. L-ewwel waħda tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali biex jiġbru evidenza aktar solida dwar il-valur miżjud tal-intrapriżi soċjali u biex jikkomunikawha aħjar, permezz ta' azzjonijiet li jinkludu

l-ġbir ta' dejta, il-ħolqien b'mod konġunt ta' strateġija ta' komunikazzjoni implimentata fl-UE



kollha, il-kondiviżjoni ta' għodod u ta' għarfien għall-ġestjoni tal-impatt soċjali u l-bini ta' kapaċità aħjar fir-rapportar dwar il-valur soċjali li joħolqu l-intrapriżi soċjali. It-tieni nett, biex tkun tista' titrawwem komunità tal-intrapriża soċjali aktar assertiva u koordinata, ir-rapport jirrakkomanda li jiġu ffurmati netwerks rappreżentattivi differenti u inklużivi li jagħmluha possibbli li jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji, filwaqt li jiġi promoss it-tagħlim reċiproku. Dawn in-netwerks jistgħu jirrappreżentaw intrapriżi soċjali fil-livell tal-UE u jippromwovu kultura ta' kokreazzjoni b'rabta mal-politika mmirata lejn l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali. Fl-aħħar nett, biex ikun hemm appoġġ aktar b'saħħtu għall-intrapriża soċjali fil-politika pubblika u fl-azzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, għandha tintegra u tissimplifika l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali fil-politiki, il-programmi u l-prattiki rilevanti kollha. Azzjonijiet immirati lejn dan l-għan jinvolvu l-inklużjoni tal-intrapriżi soċjali bħala entitajiet eliġibbli fil-programmi Ewropej rilevanti kollha ta' finanzjament, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali fi skemi ta' mobilità Ewropej rilevanti, u l-promozzjoni tat-tagħlim reċiproku u tal-bini tal-kapaċità bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jiġu żviluppati strateġiji integrati ta' appoġġ.

It-tieni qasam tematiku tar-rapport jittratta **l-iżvilupp ta' ambjent ekonomiku Ewropew li jippermetti li l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali jkollhom aċċess għal finanzjament**. Ir-rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-bini tal-kapaċità, il-ħtiġijiet ta' finanzjament u l-ħtiġijiet infrastrutturali ta' intrapriżi soċjali. B'mod partikolari, huwa rakkomandat li programmi ta' taħriġ, inkubaturi u intermedjarji jiġu pprovduti b'aktar riżorsi li jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-bini ta' kapaċità, u li jgħinu lill-intrapriżi soċjali biex jibnu l-ħiliet maniġerjali tagħhom u jiksbu sostenibbiltà finanzjarja. Fost il-miżuri konkreti maħsuba biex jiġu sfruttati iżjed fondi li huma aktar xierqa għall-intrapriżi soċjali nsibu s-sensibilizzazzjoni fost il-komunità usa' ta' finanzjament dwar kif għandhom jiġu ffinanzjati l-impriżi soċjali, dwar il-bini tal-kapaċità fi ħdan "il-komunità tal-impatt", it-titjib tal-adattabilità tal-investiment soċjali, it-tnaqqis tal-ostakoli regolatorji u l-immappjar tal-inċentivi fiskali eżistenti assoċjati mal-investiment fl-intrapriża soċjali sabiex jiġu mxerrda l-aħjar prattiki. Il-finanzjament pubbliku għandu jkompli jkun immirat lejn l-intrapriżi soċjali u għandu jintuża wkoll biex jiġi mobilizzat il-kapital privat, permezz tal-investiment fil-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u t-tneħħija tar-riskju tiegħu, kif ukoll billi jiddaħħlu fis-seħħ strutturi ta' governanza xierqa.

Biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ekosistema li fiha l-intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jirnexxu, saru għadd ta' rakkomandazzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-**ambjent legali u l-forniment ta' oqfsa legali u regolatorji biex jiġu mħeġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali.** Hawnhekk, huwa rakkomandat li

l-Kummissjoni tipproponi miżura legali mhux vinkolanti biex tgħin lill-Istati Membri jfasslu qafas xieraq li jappoġġa lill-ekonomija soċjali u lill-intrapriżi soċjali. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet

transkonfinali għandhom jiġu stimolati għal organizzazzjonijiet u kooperattivi mutwi, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tas-Suq Intern biex jespandu l-attivitajiet tagħhom. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom ukoll jagħmlu l-aqwa użu possibbli tar-regoli l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku, filwaqt li għandhom jinkorporaw kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali fil-proċeduri tal-offerti tagħhom. Ir-rakkomandazzjoni finali tar-rapport għat-titjib tal-ambjent legali titlob lil min ifassal il-politika biex iżid l-għarfien dwar ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u dwar l-impatt tagħhom fuq l-intrapriżi soċjali li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

It-taqsima finali tar-rapport tittratta miżuri maħsuba **biex jgħinu lill-ekonomija soċjali u lill-intrapriżi soċjali jilħqu l-potenzjal tagħhom bħala xprunaturi ewlenin ta' tkabbir ekonomiku ġust u soċjalment inklużiv**. L-għan hawnhekk huwa li jiżdied l-appoġġ tal-UE għal intrapriżi soċjali fi ħdan il-kuntest tal-iżvilupp internazzjonali, bl-għan li jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għal wara l-2015. B'dawn l-għanijiet f'moħħha, il-Kummissjoni/is-SEAE għandhom jikkontribwixxu lejn żieda sinifikanti fl-intelligenza minn sorsi miftuħa dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali permezz taċ-ċiklu li jmiss tal-programmi internazzjonali tagħhom ta' żvilupp. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tieħu rwol ewlieni fit-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni globali fl-appoġġ tal-intrapriżi soċjali billi taġixxi bħala l-element li jgħaqqad is-suq u billi trawwem l-iskambju ta' għarfien. Barra minn hekk, wara li jidentifikaw azzjonijiet li jirkbu fuq xulxin u nuqqasijiet fil-finanzjament, l-Unjoni Ewropea u s-SEAE għandhom jissimplifikaw u jintegraw appoġġ imfassal apposta fil-politiki u l-inizjattivi kollha eżistenti u futuri tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, sabiex jinbnew ekosistemi ta' appoġġ għall-intrapriżi soċjali.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma mmirati **lejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE (inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom) u pajjiżi terzi, kif ukoll il-komunità tal-intrapriża soċjali.** Dawn jipprovdu gwida ċara dwar kif tista' tiżdied il-viżibbiltà tal-intrapriżi soċjali u dwar kif dawn tal-aħħar għandhom jiġu pprovduti bl-aċċess għall-finanzjament li jeħtieġu biex jirnexxu, filwaqt li fl-istess ħin joħolqu ambjent propizju li fih l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali jistgħu jimxu 'l quddiem fuq il-bażi tal-aqwa prattiki tal-UE u tal-esperjenza akkumulata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u ta' intraprendituri soċjali. Bl-adozzjoni ta' dan l-approċċ komprensiv, ir-rapport għandu l-għan li joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom bħala mutur ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u ta' żvilupp soċjali b'impatt li jinħass fl-Ewropa u fid-dinja.



# RAKKOMANDAZZJONIJIET

Ir-Rapport Ġenerali tal-GECES jagħmel 13-il rakkomandazzjoni għal azzjonijiet konkreti għall-indirizzar tal-kwistjonijiet li bħalissa qed jimpedixxu lill-intrapriżi soċjali milli jaħdmu skont il-potenzjal sħiħ tagħhom. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma ppreżentati hawn taħt.

## Lejn viżibbiltà, għarfien u identità akbar

**Rakkomandazzjoni 1:** Il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali għandhom jiġbru evidenza aktar b'saħħitha dwar il-valur miżjud tal-intrapriżi soċjali u jikkomunikawha aħjar. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- Il-ġbir ta' dejta sistematika u l-prijoritizzazzjoni tar-riċerka dwar l-importanza ekonomika u soċjali, inkluż il-potenzjal ta' impjieg, kif ukoll id-dinamiċi tal-intrapriżi soċjali (l-Istati Membri, il-Kummissjoni);
- Il-ħolqien b'mod konġunt ta' strateġija ta' komunikazzjoni fl-UE kollha (il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali);
- Kondiviżjoni ta' għarfien espert u ta' għodod dwar il-valur miżjud soċjali, inkluż għodod dwar il-ġestjoni tal-impatt soċjali (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali);
- Il-bini ta' kapaċità aħjar fir-rapportar dwar il-valur soċjali ġġenerat (l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali).

**Rakkomandazzjoni 2:** : Il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali għandhom irawwmu komunità tal-intrapriża soċjali aktar assertiva u koordinata. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- Il-ħolqien ta' netwerks leġittimi, differenti u inklużivi li jippermettu sinerġiji, tagħlim reċiproku u koordinazzjoni (organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali);
- L-appoġġ tar-rappreżentanza tal-komunità tal-intrapriża soċjali fil-livell tal-UE (il-Kummissjoni flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali u l-Istati Membri);
- Il-promozzjoni ta' kultura ta' ħolqien konġunt tal-politiki mal-intrapriżi soċjali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom (l-Istati Membri)

**Rakkomandazzjoni 3:** Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, għandhom jissimplifikaw u jintegraw id-dimensjoni tal-intrapriża soċjali f'politiki, programmi u prattiki rilevanti. Kemm jista' jkun, għandhom jikkonsultaw u jinvolvu l-intrapriżi soċjali fil-ħolqien ta' politiki u azzjonijiet ġodda. L-organizzazzjonijiet tal-intrapriża soċjali għandhom jippromwovu dawn l-opportunitajiet u jagħmlu użu minnhom b'mod attiv. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- L-inklużjoni tal-intrapriżi soċjali bħala entitajiet eliġibbli fil-programmi Ewropej rilevanti kollha ta' finanzjament u ż-żieda ta' dimensjonijiet tal-intrapriża soċjali fl-implimentazzjoni u s-segwitu ta' inizjattivi ta' politika fil-livell tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea);
- Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali fi skemi ta' mobilità Ewropej rilevanti (il-Kummissjoni Ewropea);
- Il-promozzjoni tat-tagħlim reċiproku u tal-bini tal-kapaċità bejn l-awtoritajiet reġjonali/lokali sabiex jiġu żviluppati strateġiji integrati li jappoġġaw lill-intrapriżi soċjali (il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri);
- L-applikazzjoni ta' kriterji soċjali għall-proċessi tal-akkwist pubbliku (il-Kummissjoni Ewropea);
- L-inklużjoni fil-kurrikuli ta' suġġetti relatati mal-intrapriża soċjali, mill-edukazzjoni primarja sal-livell universitarju, u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' karriera f'intrapriżi soċjali permezz ta' servizzi pubbliċi tal-impjiegi u servizzi ta' gwida professjonali (l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali);
- Il-promozzjoni tal-qsim reċiproku tal-għarfien u tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji tradizzjonali u l-intrapriżi soċjali (il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-intrapriżi soċjali).

## Galimybių gauti finansavimą gerinimas

**Rakkomandazzjoni 4:** : Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jipprovdu aktar riżorsi għal programmi ta' taħriġ, inkubaturi u intermedjarji li jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-bini ta' kapaċità lill-intrapriżi soċjali, li hu meħtieġ biex jibnu l-ħiliet maniġerjali tagħhom u biex tiġi mħeġġa s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- It-tisħiħ tal-appoġġ għan-netwerks/il-pjattaformi mifruxa mal-Ewropa kollha li jġħaqqdu individwi (inklużi konsulenti u esperti li jaħdmu b'mod volontarju) ma' intrapriżi soċjali jeħtieġu bini tal-kapaċità, u skemi ta' għotjiet għal intrapriżi soċjali (il-Kummissjoni);

- It-twaqqif ta' programm pan-Ewropew ta' finanzjament dwar l-investiment u l-bini tal-kapaċità maħsub biex jgħin lill-intrapriżi soċjali jilħqu l-prontezza għall-investiment permezz ta' investiment fl-appoġġ għall-bini tal-kapaċità minn fornituri magħżula tas-servizzi (il-Kummissjoni);
- Il-finanzjament ta' inkubaturi/aċċeleraturi u intermedjarji speċjalizzati ta' intrapriżi soċjali li joffru taħriġ u bini tal-kapaċità lil intrapriżi soċjali (l-Istati Membri);
- L-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex jiġu finanzjati attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fil-livell tal-Istati Membri (l-Istati Membri).

**Rakkomandazzjoni 5:** Il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-komunità ta' finanzjament tal-intrapriżi soċjali għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jisfruttaw u jattiraw aktar fondi li huma iżjed xierqa għall-intrapriżi soċjali. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- Promozzjoni, taħriġ, gwida u sensibilizzazzjoni fost il-komunità usa' ta' finanzjament (privata u pubblika) dwar kif għandhom jiġu ffinanzjati l-impriżi soċjali (l-organizzazzjonijiet tal-komunità ta' finanzjament tal-intrapriżi soċjali għandhom jiġbru l-aqwa prattiki, filwaqt li l-Kummissjoni għandha xxerridhom);
- Il-bini tal-kapaċità fost il-"komunità tal-impatt" li tifhem u tiffinanzja b'mod attiv lill-intrapriżi soċjali, sabiex l-intermedjarji finanzjarji bbażati fuq l-ekonomija soċjali jkunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-intrapriżi soċjali;
- It-titjib tal-kriterji ta' idoneità dwar l-investiment fl-intrapriżi soċjali, bir-riżultat li jiżdied il-fluss ta' fondi fl-intrapriża soċjali (il-Kummissjoni u l-Istati Membri);
- L-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-ostakoli regolatorji li jħabbtu wiċċhom magħhom il-finanzjaturi privati tal-intrapriżi soċjali u l-intrapriżi soċjali stess (il-Kummissjoni);
- L-immappjar ta' inċentivi fiskali eżistenti differenti marbuta mal-finanzjament tal-intrapriżi soċjali, biex jixxerrdu l-aħjar prattiki (il-Kummissjoni u l-Istati Membri).

**Rakkomandazzjoni 6:** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jiddirezzjonaw il-finanzjament pubbliku lejn l-intrapriżi soċjali u jużaw il-finanzjament pubbliku biex jiġi mobilizzat il-kapital privat, permezz tal-investiment fil-finanzjaturi tal-intrapriżi soċjali u t-tneħħija tar-riskju tagħhom, kif ukoll billi jiddaħħlu fis-seħħ strutturi ta' governanza xierqa. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- Li jiġi permess li strumenti finanzjarji pubbliċi (eż. EaSI, FEIS, InnovFin bħala parti minn Orizzont 2020, COSME u strumenti oħra li qed jiġu żviluppati) jżidu l-volumi ta' finanzjament u jtejbu l-kwalità tal-finanzjament tal-intrapriżi soċjali (il-Kummissjoni), filwaqt li jsiru wkoll investimenti fl-intrapriża soċjali u f'intermedjarji speċjalizzati (l-Istati Membri);
- Il-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) b'mod li jittejbu l-provvista tas-servizzi u l-investiment f'infrastruttura soċjali ta' kwalità għolja. L-FSIE għandu jkollhom rwol trasformattiv u għandhom jintużaw biex jikkumplimentaw, u mhux biex jissostitwixxu, il-baġits nazzjonali tal-Istati Membri (il-Kummissjoni u l-Istati Membri);

- Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri biex jippromwovu l-investiment soċjali, b'mod partikolari permezz tal-finanzjament pubbliku, b'mod koordinat u olistiku fl-oqsma tas-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni;
- L-iżvilupp ta' kumplimentaritajiet bejn il-finanzjament pubbliku u privat tal-intrapriża soċjali permezz tal-użu ta' strumenti ibridi (il-Kummissjoni u l-Istati Membri);
- Ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-ekosistema tal-intrapriża soċjali fil-governanza ta' skemi appoġġati minn fondi pubbliċi, bħalma huwa l-FEIS, u l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-użu ta' kejl tal-impatt (il-Kummissjoni).

## Titjib tal-ambjent legali

**Rakkomandazzjoni 7:** Il-Kummissjoni għandha tipproponi miżura legali mhux vinkolanti li tista' tgħin lill-Istati Membri jfasslu qafas xieraq li jappoġġa l-progress u t-tkabbir tal-intrapriżi soċjali. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- It-tħejjija ta' rakkomandazzjoni legali, skont it-tifsira tat-Trattati, li tistabbilixxi prinċipji minimi biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jwaqqfu qafas nazzjonali dedikat għall-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali (il-Kummissjoni) filwaqt li jingħataw ukoll appoġġ biex jagħmlu dan;
- Il-monitoraġġ tal-politiki dwar l-intrapriża soċjali fl-eżerċizzju tal-Kummissjoni b'rabta mas-Semestru Ewropew, sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni legali msemmija hawn fuq (il-Kummissjoni).

**Rakkomandazzjoni 8** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistimolaw operazzjonijiet transkonfinali għal organizzazzjonijiet mutwi u għal kooperattivi, sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tas-Suq Intern biex jespandu l-attivitajiet tagħhom. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- L-għoti ta' appoġġ finanzjarju għal operazzjonijiet transkonfinali permezz ta' programmi bħal INTERREG (il-Kummissjoni);
- Il-ġbir tal-aħjar prattiki rigward inċentivi biex jiġi stimolat it-tkabbir tagħhom fis-Suq Intern, u t-tixrid tagħhom b'mod wiesa' (il-Kummissjoni u l-Istati Membri).

**Rakkomandazzjoni 9 :** Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jagħmlu l-aħjar użu tar-regoli l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku u fil-proċeduri tagħhom tal-offerti għandhom jinkludu kunsiderazzjonijiet soċjali, fosthom kuntratti riżervati għall-integrazzjoni soċjali u professjonali tal-persuni b'diżabilità u żvantaġġati (l-Artikolu 20), kif ukoll servizzi tas-saħħa, soċjali u kulturali (l-Artikolu 77). L-azzjonijiet għandhom jinkludu:

- L-aġġornament tal-gwida tal-Kummissjoni "Xiri Soċjali", li ġiet ippubblikata fl-2011, u l-monitoraġġ tal-aħjar prattiki (il-Kummissjoni);
- L-iżvilupp ta' programmi ta' bini tal-kapaċità u ta' kampanji ta' komunikazzjoni mfassla apposta (il-Kummissjoni u l-Istati Membri);
- It-twettiq/l-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għal impjegati taċ-ċivil Ewropej, biex meta jkunu qed jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti jitqiesu l-aspetti soċjali (il-Kummissjoni);
- Il-ħolqien ta' netwerks biex jiġi stimolat l-impenn ta' diversi partijiet ikkonċernati f'dan il-proċess (l-Istati Membri, l-awtoritajiet kontraenti, l-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi soċjali).

**Rakkomandazzjoni 10:** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-għarfien rigward ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u dwar l-impatt tagħhom fuq l-intrapriżi soċjali li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI). Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- It-tħejjija, jew, fejn xieraq, l-aġġornament ta' linji gwida, b'mod partikolari l-gwida għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali mill-2013 (il-Kummissjoni u l-Istati Membri);
- It-tnedija ta' aktar taħriġ dwar kif għandhom jiġu applikati r-regoli dwar l-għajnuna mill-istat (il-Kummissjoni u l-Istati Membri).

## L-ixprunar tal-iżvilupp u tat-tkabbir internazzjonali

**Rakkomandazzjoni 11:**Il-Kummissjoni/is-SEAE għandhom jikkontribwixxu lejn żieda sinifikanti u kontinwa fl-intelligenza minn sorsi miftuħa dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali permezz taċ-ċiklu li jmiss tal-programmi internazzjonali tagħhom ta' żvilupp, filwaqt li għandhom jappoġġaw l-ekosistemi f'livell globali. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- It-tnedija ta' inizjattiva maġġuri ta' riċerka flimkien ma' donaturi u sħab oħra interessati bħall-OECD u l-membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, il-UNRISD, il-Bank Dinji, l-aġenziji tal-UE nazzjonali għall-iżvilupp u donaturi pubbliċi u privati oħra;
- L-allokazzjoni ta' baġit speċifiku għal evalwazzjoni tal-impatt għal programmi ġodda ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali u għall-intrapriżi soċjali biex jingħeleb in-nuqqas ta' evidenza robusta u ċara dwar l-impatt ta' dan l-appoġġ tal-intrapriżi fuq l-SDGs. Din l-azzjoni għandha tittieħed ukoll mill-Istati Membri.

**Rakkomandazzjoni 12:** Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu rwol ewlieni fit-trawwim tal-kooperazzjoni globali biex jingħata appoġġ lill-ekonomija soċjali u lill-intrapriżi soċjali billi taġixxi bħala l-element li jgħaqqad is-suq u billi tikkontrolla l-iskambju ta' għarfien. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- It-twettiq ta' proċess ta' tagħlim, koordinazzjoni u kooperazzjoni interni bejn id-diversi dipartimenti tal-Kummissjoni u s-SEAE fl-2017, li l-ħidma tiegħu tirrigwarda wkoll l-iżvilupp ta' infrastrutturi u ta' appoġġ għall-ekonomija soċjali u għall-intrapriżi soċjali;
- Il-bidu, mill-2017 'il quddiem, ta' serje ta' laqgħat ta' skambju regolari orjentati lejn l-azzjoni ma' donaturi u investituri globali oħra (pubbliċi u privati) li huma attivi fuq bażi transnazzjonali fl-appoġġ tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali (irrispettivament mid-deżinjazzjoni lokali);

- It-twittija tat-triq, flimkien mal-Gvern Ġermaniż, li mill-Ħarifa tal-2016 għandu l-Presidenza tal-G20, għall-promozzjoni ta' politiki speċifiċi biex jiġu appoġġati negozji/attivitajiet inklużivi u intrapriżi soċjali (kif ġie diskuss fil-Qafas ta' Negozju Inklużiv tal-G20) sabiex id-differenzi fis-sett ta' valuri, il-prinċipji u r-raġunijiet ewlenin ta' eżistenza bejn dawn l-organizzazzjonijiet jiġu riflessi aħjar.

**Rakkomandazzjoni 13:** L-Unjoni Ewropea u s-SEAE għandhom jintegraw appoġġ imfassal apposta fil-forom kollha tagħha kif ukoll politiki u inizjattivi eżistenti u futuri u negozjati internazzjonali li jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku (il-kooperazzjoni u l-iżvilupp, il-politika barranija, il-politika kummerċjali, il-politika tal-viċinat, eċċ) u jintegraw l-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali b'mod aktar wiesa' fi ħsieb strateġiku sabiex jinbnew ekosistemi ta' appoġġ kif rifless fil-pilastri tal-SBI. Fost l-azzjonijiet għandu jkun hemm:

- L-allokazzjoni, fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni li jmiss, ta' finanzjament dirett u indirett dedikat għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi soċjali, f'pajjiżi terzi, flimkien mal-gvernijiet u appoġġ u organizzazzjonijiet ta' finanzjament soċjali; u l-bidu ta' kollaborazzjonijiet konkreti ma' sħab globali oħra għall-ingranaġġ ta' finanzjament tal-UE u biex tingħata spinta lill-impatt tal-programmi rispettivi;
- Is-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari flimkien ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi, dwar ir-rwol tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali fil-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll dwar il-potenzjal ta' skambji Tramuntana-Nofsinhar, Nofsinhar-Tramuntana jew Nofsinhar-Nofsinhar rigward it-tagħlim, l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni, u l-preżentazzjoni ta' każijiet ta' replikazzjoni b'suċċess ta' soluzzjonijiet u mudelli innovattivi tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali, kif ukoll l-impatt tagħhom;
- L-integrazzjoni tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali fil-Kunsens rivedut tal-Ewropa dwar l-Iżvilupp u fil-vuċi tal-Ewropa fin-negozjati internazzjonali, fil-ftehimiet kummerċjali u fin-Nazzjonijiet Uniti;
- L-organizzazzjoni ta' avvenimenti fuq il-post biex l-intrapriżi soċjali jistabbilixxu konnessjoni mal-ekosistema finanzjarja u jiġu ffaċilitati investimenti kbar f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll l-involviment ta' organizzazzjonijiet oħra tal-ekonomija soċjali fid-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom.